MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Frar, 2016

Rikors Numru: 999/15LM

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju
Numru: 808/2015 AE fl-ismijiet:

**Dax Fernandes I.D. 50810(A)**

**vs**

**Thomas Barr I.D. 316692(M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat mill-**Avukat Dr. Michael Tanti-Dougall bħala prokuratur *ad litem* ta' Thomas Barr** (minn issa "Ir-rikorrent") *ai termini, inter alia,* tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 illi wara li ppremetta li:

Permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 808/2015 (minn issa "il-Mandat"), is-sekwestrant talab sabiex tiġi ssekwestrata s-somma ta' €400,000 in kawtela tat-talbiet imressqin permezz tar-Rikors Maħluf Nru. 495/2015. B'konsegwenza tal-istess Mandat ġew iddepożitati total ta' €610,037.78, u ċjoè:

i. €394,620.94 minn Joseph Borg u Lucienne Borg (Ċedola 1508/15);
ii. €067,642.84 min-Nutar Miriam Musumeci Macelli (Ċedola 1509/15);
iii. €147,774 mill-Bank of Valletta plc. (Ċedola 1520/15).

Ir-rikorrent għadda biex talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-mandat in kwistjoni m'għandux jibqa' fis-seħħ u b'hekk għandu jiġi revokat fil-konfront tas-sekwestratarji l-oħrajn indikati bl-eċċezzjoni ta' Joseph u Lucienne Borg u n-Nutara Miriam Musumeci Macelli stante li dawn tal-aħħar iddepożitaw somom biżżejjed biex jikkawtelaw l-ammont mitlub li jiġi sekwestrat;

2. tawtorizza lill-esponent jiżbanka l-ammont ta' €210,037.78 ammont iddepożitat in eċċess tal-€400,000.

L-intimat **Dax Fernandes** (minn issa "l-intimat") wieġeb li:

1. Is-sekwestru hu meħtieġ biex jiġu kkawtelati l-pretensjonijiet tas-sekwestrant;
2. L-ammonti ddepożitati jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti bejn ir-rikorrent u martu Anabelle Barr u għalhekk ma jappartjenux fl-intier tagħhom lill-intimat;
3. Għalhekk *se mai* l-intimat huwa proprjetarju ta' nofs is-somma ddepożitata permezz tal-imsemmija ċedoli u ċjoè ta' €305,018.89;
4. Il-kreditu tal-esponent mhux kopert *in toto*;
5. Mhux il-każ li l-mandat jiġi revokat kollu jew parti minnu;
6. Għandha tiġi notifikata bil-proċeduri Anabelle Barr

Rat il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 252/15 maħruġ f'idejn il-Qrati Civili u Tribunali, Valletta minn Anabelle Barr kontra r-rikorrent fis-somma ta' €305,018.89 biex tikkawtela sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Rat id-Digriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2015 fejn ordnat li l-atti tal-Mandat u ta' dan ir-Rikors jiġu notifikati lil Anabelle Barr, mart ir-rikorrent.

Rat ir-Rikors Maħluf numru 495/2015.

Rat id-depożizzjoni ta' Dr Elizabeth Quintano li xehdet li m'hemm l-ebda proċeduri kriminali pendenti kontra r-rikorrent.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tar-rikorrent, l-intimat, u ta' Anabelle Barr.

Rat il-verbal fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru 2015 li permezz tiegħu il-każ ġie imħolli sabiex jingħata digriet bil-miftuħ fis-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 808/2015 AE sar biex jikkawtela l-pretensjonijiet esposti fir-Rikors Maħluf 495/2015 LM, fejn is-sekwestrant qed jitlob mingħand is-sekwestrat danni b'riżultat ta' attakk vjolenti li s-sekwestrat allegatament wettaq fuqu fl-14 ta' Mejju, 2013 billi waddablu aċtu f'wiċċu.

Illi skont l-Artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili, il-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti jbatu biss id-djun hemmhekk elenkati, fosthom "kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ **meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda**."

Kjarament, id-dritt pretiż u kkawtelat bil-Mandat huwa għal kumpens għal danni li seħħu b'konsegwenza ta' allegat reat li sar bir-rieda. L-azzjoni ċivili hija indipendenti mill-azzjoni kriminali, u, għall-fini ta' azzjoni ċivili, jekk jissussistu l-elementi kostituttivi ta' reat, dawn jista' jkollhom konsegwenzi fil-kamp ċivili indipendentement minn kwalunkwe azzjoni kriminali. Konformement ma' dan,

l-imsemmi Artikolu 1327(f) tal-Kap. 16 ma jsemmix il-ħtieġa li l-parti miżżewwġa tkun instabet ħatja ta' reat jew li din tkun għaddejja minn proċeduri kriminali dwar l-allegat reat.

Illi kieku d-dejn pretiż mill-intimat kien dejn ċivili li mhux provenjenti minn reat, id-debitu kien jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk l-ammont iddepożitat permezz tal-imsemmija ċedoli kien ikun suffiċjenti, anzi iktar milli biżżejjed, biex ikopri l-ammont kawtelat. Imma dan m'huwiex il-każ hawnhekk u japplika għalhekk l-Artikolu 1329(1) tal-Kap. 16 li jagħti l-fakultà lill-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunux jistgħu jissodisfaw il-kreditu tagħhom "kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, li jinfurzaw it-talba tagħhom *in subsidium* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti".

**Illi jsegwi mill-premess li mart ir-rikorrent jista' jkollha jedd għal nofs l-ammont iddepożitat. Jingħad li "jista' jkollha" billi l-komunjoni tal-akkwisti preżumibbilment eżistenti bejnha u r-rikorrent jidher li għadha ma ġiex xjolta u allura jekk jeżistu assi oħra fil-komunjoni tal-akkwisti (u m'hemmx iktar djun) jista' jkun li r-rikorrent imissu iktar jew inqas min-nofs l-ammont ta' flus iddepożitati, billi sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti jiġi sodisfatt permezz ta' beni oħra. Hu x'inhu, qabel tiġi xjolta l-komunjoni tal-akkwisti jibqa' dan l-istat ta' inċertezza għall-kreditur u għalhekk f'dan l-istadju m'hemmx lok li tintlaqa' t-talba tar-rikorrent.**

**Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-istess rikorrent.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------